32006R1712

21.11.2006 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 321/7

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1712/2006

tal-20 ta' Novembru 2006

li jemenda ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 747/2001 fir-rigward ta' kwoti tariffarji Komunitarji għal ċerti prodotti agrikoli li joriġinaw mit-Turkija

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 747/2001 tad-9 ta' April 2001 li jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' tariffa ta' kwoti tal-Komunità u ta' kwantitajiet ta' referenza għall-prodotti eliġibbli għal preferenzi bis-saħħa ta' ftehim ma' ċerti pajjiżi tal-Mediterran u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1981/04 u (KE) Nru 934/95[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1)(b) tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tad-Deċiżjoni 2/2006 tas-17 ta' Ottubru 2006[2], il-Kunsill approva pożizzjoni Komunitarja fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija dwar l-emendar tal-Protokolli 1 u 2 tad-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija dwar is-sistema kummerċjali għall-prodotti agrikoli.

(2) Għal ċerti prodotti agrikoli li joriġinaw mit-Turkija, il-Protokoll 1 emendat jistipula kwoti tariffarji Komunitarji ġodda u bidliet fil-kwoti ta' tariffi Komunitarji eżistenti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 747/2001.

(3) Sabiex jiġu implimentati l-kwoti tariffarji l-ġodda u l-bidliet għall-kwoti tat-tariffi eżistenti, jeħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 747/2001.

(4) Peress li d-Deċiżjoni 2/2006 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija hija applikabbli mill-1 ta' Novembru 2006, dan ir-Regolament għandu japplika minn dik l-istess data u għandu jidħol fis-seħħ mill-aktar fis possibbli.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

---

[1] ĠU L 109, 19.4.2001, p. 2. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 19/2006 (ĠU L 4, 7.1.2006, p. 7).

[2] Għadha ma ġietx ippubblikata fil-ĠU.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IX għar-Regolament (KE) Nru 747/2001 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada ta' meta jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Jibda japplika mill-1 ta' Novembru 2006.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Novembru 2006.

Għall-Kummissjoni
László KOVÁCS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS IX

IT-TURKIJA

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem użat fid-deskrizzjoni tal-prodotti għandu jitqies biss bħala wieħed ta' valur indikattiv, bl-iskema preferenzjali tkun determinata, fi ħdan il-kuntest ta' dan l-Anness, permezz tal-kopertura tal-kodiċi tan-NM kif jeżistu dakinhar tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament. Fejn kodiċi ex-NM huma indikati, l-iskema preferenzjali għandha tiġi determinata permezz tal-applikazzjoni tal-kodiċi tan-NM u d-deskrizzjoni korrispondenti meħudin flimkien.

Kwoti tat-tariffi

Nru tal-Ordni	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (f'tunnellati – piż nett)	Dazju tal-kwota
09.0201	0204	Laħam tan-nagħaġ jew mogħoż, frisk, imkessaħ jew iffriżat	Minn 1.1 sa 31.12	200	Eżenti
09.0202	0701 90	Patata, friska jew imkessħa, għajr żerriegħa	Minn 1.1 sa 31.12	2 500	Eżenti
09.0211	0703 10 11 0703 10 19	Basal, frisk jew imkessaħ	Minn 16.5 sa 14.2	2 000	Eżenti
09.0213	0709 30 00	Brinġiel, frisk jew imkessaħ	Minn 1.5 sa 14.1	1 000	Eżenti
09.0215	0709 90 70	Qargħa bagħli, frisk jew imkessaħ	Minn 1.3 sa 30.11	500	Eżenti[1]
09.0204	0806 10 10	Għeneb tal-ikel frisk	Minn 1.5 sa 17.6 u minn 1.8 sa 14.11	350	Eżenti[1]
09.0217[2]	0807 11 00	Dulliegħ, frisk	Minn 16.6 sa 31.3	16 500	Eżenti
09.0219		Frott u ġwież, nej jew imsajjar fuq il-fwar jew mgħolli fl-ilma, iffriżat b'kontenut ta' zokkor li jaqbeż it-13% bl-użin:	Minn 1.1 sa 31.12	100	Eżenti
	0811 10 11	Frawli			
	0811 20 11	Lampun, tut, ċawsli, *loganberries*, passolina sewda, bajda jew ħamra u *gooseberries*			
	0811 90 19	Oħrajn, għajr frott tropikali u ġwież tropikali			
09.0206	1509 10 90	Żejt taż-żebbuġa verġni ieħor	Minn 1.1 sa 31.12	100	7.5 % *ad valorem*
09.0221		Tadam preparat jew ippriżervat ħlief bil-ħall jew l-aċidu aċetiku	Minn 1.1 sa 31.12	8 900	Eżenti
	2002 10	Sħiħ jew imqatta'			
	2002 90 11	Oħrajn, b'kontenut ta' materja niexfa ta'			

	2002 90 19	anqas minn 12% bl-użin			
09.0207	2002 90 31 2002 90 39 2002 90 91 2002 90 99	Tadam ippreparat jew ippriżervat ħlief bil-ħall jew l-aċidu aċetiku, għajr sħiħ jew imqatta', b'kontenut ta' materja niexfa ta' mhux anqas minn 12% bl-użin	Minn 1.1 sa 30.6	15 000, b'kontenut ta' materja niexfa ta' 28 sa 30 % bl-użin [3]	Eżenti
09.0209	2002 90 31 2002 90 39 2002 90 91 2002 90 99	Tadam ippreparat jew ippriżervat ħlief bil-ħall jew l-aċidu aċetiku, għajr sħiħ jew imqatta', b'kontenut ta' materja niexfa ta' mhux anqas minn 12% bl-użin	Minn 1.7 sa 31.12	15 000, b'kontenut ta' materja niexfa ta' 28 sa 30 % bl-użin	Eżenti
09.0208	2007 10 10 2007 91 10 2007 91 30 2007 99 20 2007 99 31 2007 99 33 2007 99 35 2007 99 39 2007 99 55 2007 99 57	Ġammijiet, *jellies* tal-frott, marmellati, purè tal-frott jew tal-ġwież u *pastes* tal-frott jew tal-ġwież	Minn 1.1 sa 31.12	1 750	33 % tad-dazju speċifiku
09.0223	2007 91 30	Ġammijiet, *jellies*, marmellati, purè u *pastes*, miksuba permezz tat-tisjir, għajr preparazzjonijiet omoġenizzati, ta' frott taċ-ċitru, b'kontenut ta' zokkor li jaqbeż it-13 % minkejja li ma jaqbiżx it-30 % bil-piż	Minn 1.1 sa 31.12	100	Eżenti
09.0225	2007 99 39	Preparazzjonijiet oħra ta' frott u ġwież, miksuba permezz tat-tisjir, b'kontenut ta' zokkor li jaqbeż it-30 % bil-piż, għajr preparazzjonijiet omoġenizzati	Minn 1.1 sa 31.12	100	Eżenti
09.0212	2008 30 19 2008 50 19 2008 50 51 2008 50 92 2008 50 94 2008 60 19 2008 70 19 2008 70 51 2008 80 19	Frott, ġwież u partijiet oħra tal-pjanti li jittieklu, preparati jew ippreżervati b'xi mod ieħor	Minn 1.1 sa 31.12	2 100	Eżenti[1]
09.0214	2009 11 11 2009 11 91 2009 19 11 2009 19 91 2009 29 11 2009 29 91 2009 39 11 2009 39 51	Frott magħsur (inkluż il-most tal-għeneb) u ħxejjex magħsura, mhux fermentati u ma jinkludux spirtu miżjud	Minn 1.1 sa 31.12	3 400	33 % tad-dazju speċifiku

	2009 39 91 2009 61 90 2009 69 11 2009 69 79 2009 69 90 2009 80 11 2009 80 34 2009 80 35 2009 80 61 2009 80 85 2009 80 86 2009 90 11 2009 90 21 2009 90 31 2009 90 71 2009 90 92 2009 90 94				

[1] L-eżenjoni tapplika biss għad-dazju *ad valorem*.

[2] L-applikazzjoni ta' din il-kwota tariffarja hija sospiża bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1506/98 (ĠU L 200, 16.7.1998, p. 1).

[3] Għall-ġestjoni ta' dawn il-kwoti tariffarji Komunitarji, il-koeffiċjenti li ġejjin se jiġu applikati għal importazzjonijiet ta' prodotti b'kontenut ta' materjal niexef li ma jkunx ta' 28-30 % bl-użin:

Kontenut ta' materjal niexef bl-użin		Koeffiċjenti
mhux inqas minn:	iżda inqas minn:	
12	14	0,44828
14	16	0,51724
16	18	0,58621
18	20	0,65517
20	22	0,72414
22	24	0,7931
24	26	0,86207
26	28	0,93103
28	30	1
30	32	1,06897
32	34	1,13793
34	36	1,20689
36	38	1,27586
38	40	1,34483
40	42	1,41379
42	93	1,44828
93	100	3,32759"